MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 2332/1998/1

**Jon David Limited**

**vs**

**Joseph Sammut Company Limited**

Il-Qorti

Rat c-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi fl-1991 s-socjeta' attrici kkommissjonat lis-socjeta' konvenuta biex taghmel appalt gol-fabbrika 55 Valletta Road, Qormi, u fost affarijiet ohra s-socjeta' konvenuta kellha tissupplixxi u tqieghed "6 inches concrete 1:3:6 including 6 x B.R.C. and finish with power flost including expansion joints" versu l-prezz ta' Lm3,624 kif jidher mill-quotation (item 10) tad-29 ta' Novembru 1991 ta' l-istess

socjeta' konvenuta, kopja ta' liema tinsab hawn unita u markata Dok. "A";

Illi kif irrizulta di ricenti minn ezamijiet teknici x-xogholijiet ezegwiti mis-Socjeta' konvenuta fl-art tal-fabbrika fuq imsemmija ma kienx tal-kwalita' imwieghda izda ta' kwalita' nferjuri minn dik pattwita, u dan kif jidher mir-rapport hawn unit Dok. "B" rilaxxjat mill-Perit Arkitett Ondre Camilleri Gaglione;

Illi s-socjeta' attrici nterpellat inutilment lis-socjeta' konvenuta biex tirrimedja minnufih;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid l-ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddikjara illi x-xoghlijiet li s-socjeta' konvenuta ezegwiet fl-art tal-fabbrika 55 Valletta Road, Qormi, ma sarx skond il-ftehim u kif kwotat fl-ittra datata 29 ta' Novembru 1991 (Dok. "A") tas-socjeta' konvenuta;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefeggi dina l-Qorti tnehhi x-xoghlijiet kollha li hija ezegwiet fl-art tal-fabbrika imsemmija u li mhumiex skond il-ftehim okkorrendo bl-operat ta’ periti nominandi;

3. fin-nuqqas ta’ esekuzzjoni volontarja da parti tas-socjeta konvenuta fit-terminu lilha hekk prefiss, tawtorizza lis-socjeta attrici tezegwixxi hija l-istess xogholijiet fl-art tal-fabbrika ordnati minn dina l-Qorti, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' l-istess perit nominandi u ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tad-19 ta' Dicembru 1997 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dina c-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ukoll ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-artikolu 2156(f);

2. Fil-meritu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

3. Inoltre l-konkos in kwistjoni kien gie ordnat ready mix u ghalhekk f'kaz li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tigix akkolta, ghandha tigi kjamata fil-kawza id-ditta li pprovdiet il-konkos;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li x-xogholijiet in kwestjoni kienu gia lesti fit-28 ta' Mejju 1992 u li la kien hemm ammissjoni da parti tas-socjeta konvenuta u lanqas ma kien hemm atti gudizzjarji ohra qabel ma giet presentata din ic-citazjoni;

Rat l-istess verbal minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta specifikat illi l-artikolu indikat fl-ewwel eccezzjoni taghha jirreferi ghall-Kodici Civili;

Rat l-istess verbal minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet u ta' referenzi tas-socjeta attrici dwar l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li kienet tat appalt lis-socjeta' konvenuta biex taghmel diversi xogholijiet fil-fabbrika 55 Valletta Road Qormi, fosthom is-

socjeta' konvenuta kellha tissupplixxi u tqieghed konkos. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li recentement irrizultalha li l-imsemmi xoghol ta’ konkos li ghamlet is-socjeta konvenuta ma kienx tal-kwalita' imwieghda izda kien ta' kwalita' nferjuri minn dik pattwita. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li x-xoghol in kwestjoni esegwit mis-socjeta' konvenuta ma sarx skond il-ftehim u konsegwentement qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata tnehhi x-xoghlijiet kollha in kwestjoni. Fin-nuqqas is-socjeta attrici qed titlob li tigi awtorizzata li tesegwixxi hija stess dawn ix-xoghoijiet u dana ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta;

Fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta qed teccepixxi il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Bil-presenti qed tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ghar-rigward ta’ din l-eccezzjoni, il-partjiet qabblu li din ic-citazzjoni giet presentata meta kienu gia lehqu ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta tlestew ix-xogholijiet in kwestjoni. Qabblu ukoll li s-socjeta konvenuta qatt ma ammettiet xi responsabilta’ ghar-rigward ta’ dawn il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici u li s-socjeta attrici ma ppresentat l-ebda att gudizzjarju qabel il-presentata tal-presenti citazzjoni;

L-imsemmi artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, jekk ma tkunx applikabbli preskrizzjoni aqsar jew jekk l-obbligazzjoni ma tkunx tirrizulta minn att pubbliku, jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames (5) snin;

Fil-fehema ta’ din il-Qorti dawn il-provedimenti tal-Kodci Civili huma applikabbli ghal dan il-kaz. Din hi azzjoni bbazta fuq ftehim ta’ natura kummercjali li sar bejn zewg socjetajiet kummercjali sabiex isiru certi xogholijiet ta’ kostruzjoni gewwa fabbrika. Is-socjeta attrici qed tippretendi li certu xogholijiet li saru bhala konsegwenza ta’ dan il-ftehim ma sarux skond il-kwalita’ pattwita. B’hekk is-socjeta attrici sostanzjalment qed titlob li s-socjeta'

konvenuta tigi ordnata tnehhi dawn ix-xogholijiet u li fin-nuqqas tigi awtorizzata hi stess li tesegwixxi dawn l-istess xoghoijiet ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta;

Hu ghalhekk evidenti li din il-presenti azzjoni tirreferi ghal kreditu li s-socjeta attrici tippretendi li ghandha fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici qed tippretendi li s-socjeta konvenuta ghandha b'xi mod tghamel tajjeb ghal-xoghol li allegatament gie esegwit b'mod hazin hafna snin ilu. Din il-pretensjoni tammonta ghal-"kreditu" kif imfisser fl-artikolu 2156(f). Hawnhekk it-talbiet, ovvjament, jirreferu ghall-prestazzjonijiet, li s-socjeta konvenuta trid tigi kundannata tghamel, u liema prestazzjonijiet zgur li ghandhom valur u eventwalment ser jigu kwantifikati f'termini ta flus;

In effett jidher li t-talbiet saru f'dawn it-termini appuntu sabiex possibilment tigi evitata l-eccezzjoni bhal dik taht esami;

In vista ta' dan kollu huma applikabbli il-provedimenti tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, kif invokat mis-socjeta konvenuta, u konsegwentement din l-azzjoni ghandha titqies li hi preskritta;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u konsegwentement tillibera lill-istess socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------